MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 66/2002/1

**Joseph Azzopardi f'ismu proprju**
**bhala socju tas-socjeta' 'Where's Everybody?'**

**Vs**

**Felix Agius**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur fil-kwalitajiet tieghu premessi talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li, prevja dikjarazzjoni illi l-artikolu 'Ta' 'Where's Everybody?' Jaharbu' ippubblikat f'pagna 6 tal-gazzetta 'Kullhadd' fid-9 ta' Dicembru, 2001 (kopja annessa mal-avviz u mmarkat bhala Dok A) li tieghu il-konvenut huwa l-editur, jikkostitwixxi malafama fil-konfront ta'l-attur li l-ghan taghha huwa li jtellef jew jnaqqas ir-reputazzjoni ta' l-istess attur, ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti f'ammont li ma jeccedix il-hames telef liri maltin (Lm5,000)

a tenur ta' l-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra kif ukoll l-anness Dok A a fol 2 tal-atti.

Rat n-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 10 tal-istess atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament il-konvenut jecepixxi il-lis alibi pendens a tenur ta' l-Artikolu 792 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi in linea preliminari wkoll il-konvenut jecepixxi illi l-attur m'ghandux personalita guridika kwindi m'ghandux standi judicio fi proceduri legali u li ghaldaqstant il-konvenut ghandu jigi illliberat mill-osservanza tal-gudizzju;
3. Illi l-artikolu in kwistjoni mhuwiex libelluz fil-konfront ta' l-attur;
4. Illi bla prgudizzju ghas-sueccepit il-fatti imsemmija jikkonsistu f'rappurtagg gurnalistiku dwar kwistjonijiet ta interess pubbliku accettabli f'socjeta demokratika, kemm taht il-ligijiet ta 'l-istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem;
5. Illi in kwantu l-artikolu jikkontjeni kummenti, dawn jikkonsistu f'fair comment maghmul in buona fede dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku, accettabbli f'socjeta demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;
6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat is-sentenza preliminari (fol 29 sa fol 34 ibid) u li biha gew decizi l-ewwel zewg eccezzjonijiet sottomessi mill-konvenut u li kienu ta' natura preliminari.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif risultanti mill-atti tal-kawza l-unici provi prodotti in rigward il-meritu kienu da parti tal-attur u 'in sintesi' kienu kif ser jinghad:-

a. L-istess attur (fol 37 et seq ibid) ghamel referenza ghall-kopja tal-artikolu in kwistjoni u li hu esebit u markat bhala Dok A. Fl-istess artikolu publikat fil-harga tal-gazzetta 'Kullhadd tad-9 ta' Dicembru 2001, l-attur specifika li hu jhoss li l-istess artikolu kien libelluz fil-konfront tieghu fl-ewwel kolonna, fejn jinghad li s-socjeta civili 'Where's Everybody' '…. Tiehu kummissjoni, fuq il-gbir li jsir waqt dan il-program ossija ' L-Istrina' organizzat kull sena, fil-perijodu tal-Milied u ghall-iskop, ta' karita kif ukoll, fl-ahhar zewg kolonni immedjament taht r-ritratt tieghu u ta' Lou Bondi bejn 'Dwar il-gbir ta' fondi mill-partit laburista ….. sa… .imbaghad tal-konferenza generali' in rigward dak li jinghad dwar "… sistema ta' omerta". Filfatt dwar dawn l-allegazzjonijeit l-attur sostna li hu u s-socji l-ohrajn fl-isemmija socjeta civili '…. Ma niehdu ebda kummissjoni in konnessjoni mal-programm (L-)Istrina u lanqas nithallsu tax-xoghol li naghmlu. Inoltre "…. L-accounts' …. Huma publikati u nghid li l-gazzetta Kullhadd ghandha kopja ta' dawn l-'accounts'. In rigward l-istess artikolu, l-attur sahaq kien intiz '… sabiex thammigna' tenut kont li hu u s-socji l-ohrajn jghidu, pubblikament li l-flus, kollha migburin waqt l-istess programm organizzat minnu u l-ohrajn, jmorru kollha kemm huma, ghal karita, u ghalhekk qed jigi allegat li huma '… nitradixxu dak li nghidu ossija ningannaw lin-nies". Fl-ahharnett, l-attur semma' illi il-flus kollha migburin jitqasmu, fuq basi filantropika, minn kumitat 'ad hoc', indipendenti mill-attur u s-socji l-ohrajn. Difatti l-istess flus '… jiehu hsiebhom il-kontrollur tal-PBS …..' li jipprepara l-'audited accounts', li jigu pubblikati waqt konferenza stampa (ara ukoll ix-xhieda tal-imsemmija socji Lou Bondi a fol 43 u fol 44 ibid u Paul Josef Vassallo a fol 46 u fol 47 ibid).

Ikkunsidrat

Illi a fol 40 ibid jinsab dokument minn fejn jidher li, fid-data tal-pubblikazzjoni tal-istess artikolu, il-konvenut kien l-Editur registrat skond l-artikolu 52 tal-Kapitolu 249 tal-ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Illi dwar dejjem il-meritu u in sostenn tat-tielet, tar-raba' u tal-hames eccezzjoni, sottomessa mill-konvenut ma ingiebet ebda prova sabiex l-istess konvenut jissostanzja dak kollu eccepiet minn fil-meritu. Anzi mill-provi podotti, jirrisulta:-

a. l-artikolu in kwistjoni hu libelluz u dwar dan il-Qorti hi konvinta li l-istess artikolu inkiteb u gie publikat b'intenzjoni malizzjuza stante li qed jigu addebitati lill-attur fatti bl-ebda mod veritjeri. Dwar dan, il-Qorti ma tistax tara kif jista' jinghad li dak allegat fl-istess artikolu jista' jammonta ghal '… fatti sostanjalment veri' meta fl-istess artikolu u waqt dawn il-proceduri, ma jingiebet ebda prova sabiex dan jigi provat.

b. Fin-nuqqas ta' dan, il-Qorti ma tarax li l-artikolu jista' jammonta ghal '…. Fair comment maghmul in buona fede ….. fin-nuqqas ta' xi prova dwar dak allegat fil-konfront tal-attur u tas-socji msemmija.

c. In rigward dak premess, dan, certament u b'mod evidenti ma jistax jigi kunsiderat bhala rappurtagg gurnalistiku dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku accettabbli f'socjeta demokratika.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk it-talbiet attrici ghadhom jigu akkolti skond l-artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-artikolu in esami jikkostitwixxi malafama u jidher li kien sar sabiex jtellef ir-reputazzjoni tal-attur u dan b'mod evidenti.

Ikkunsidrat

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti tara li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' Lm1000.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara illi l-artikolu 'Ta 'Where's Everybody' Jaharbu' ippublikat f'pagna 6 tal-Gazzetta 'Kullhadd' fid-9 ta'

Dicembru 2001 (Kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok A) li taghha l-konvenut hu l-editur jikkostitwixxi malafama fil-konfront tal-attur li l-ghan taghha huwa li jtellef jew jnaqqas ir-reputazzjoni tal-istess attur fil-kwalita' tieghu premessa.
2. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-istess attur s-somma ta' Lm1000 (elf lira Maltin) bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sa' dik tal-pagament effettiv oltre l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------